# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 1**

**Rikors numru 1203/12/1 FDP**

**John Camilleri, u b'digriet tat-8 ta' Frar, 2017, l-atti ġew trasfużi f'isem Annalise Camilleri, Melanie Zerafa u Andre Karl Camilleri**

**v.**

**Maria Camilleri, Denise Buttigieg, Sarah Attard, Donna Camilleri lkoll fil-kapaċita` tagħhom ta' werrieta ta' Edgar Camilleri**

**Il-Qorti:**

1. John Camilleri u Edgar Camilleri kienu jiġġestixxu negozju flimkien, b'riħet il-kumpanija Soap & Sponge Limited li kienet tappartjeni lilhom fi kwoti indaqs. Eventwalment huma kienu ddeċidew li jaqsmu n-negozju u kien ftehmu fuq din il-qasma permezz ta' skrittura privata datata 10 ta'

April, 1989. F'din l-iskrittura kien ġie ddikjarat li parti mill-assi li kellhom jinqasmu kien ammont ta' flus kontanti, u ċioe` Lm230,458 (ekwivalenti għal ċirka €536,822), u li dawn kellhom jinqasmu ugwalment. L-attur John Camilleri allega li Edgar Camilleri kien u baqa' fil-pussess ta' din is-somma sħiħa mingħajr qatt ma tah rendikont jew ħallsu kif kien mifthiem.

2. F'dawn il-proċeduri huwa talab għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tikkundanna lill-intimat sabiex jagħti rendikont tal-amministrazzjoni tiegħu skond il-liġi tal-assi komuni (inkluż il-flus kontanti) li kellu f'idejh, kif ukoll tal-ammont ta' €536,822 (LM 230458) u jispeċifika l-ammont li huwa dovut lir-rikorrenti u dana fi żmien qasir u perentorju li jiġi prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti;
>
> 2. Tawtorizza lir-rikorrenti sabiex fin-nuqqas tal-intimat, huwa stess jispeċifika bil-ġurament tiegħu l-ammont li għandu jingħata u dana a tenur tal-artikolu 394 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> 3. Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas l-ammont likwidat kif fuq indikat lir-rikorrenti u dana f'terminu li jiġi prefiss minna dina l-Onorabbli Qorti.
>
> Bl-ispejjeż u l-inġunzjoni in subizzjoni tal-intimat."

3. Il-konvenuti eċċepew, *inter alia,* (1) il-preskrizzjoni skont l-Artikoli 2156 u 2157 tal-Kodiċi Ċivili, (2) in-nullita` tal-kawża minħabba li t-talbiet attriċi kienu diġa' suġġett ta' kawża ta' stralċ kontra Soap & Sponge Limited, (3) li huma mhumiex il-leġittimi kontradittiuri f'dawn il-proċeduri, (4) li qatt ma kien hemm ftehim fuq il-flus mertu ta' dawn il-proċeduri, (5) li l-imgħax li seta' jintalab kien biss dak skont il-liġi, (6) li mhux minnu li Edgar Camilleri kellu fil-pussess tiegħu xi flejjes tal-attur, (7) li la huma u lanqas Edgar Camilleri ma amministraw xi flejjes tal-attur, u (8) li Edgar

Camilleri ma kienx obbligat jagħti xi rendikont u lanqas kien hemm terminu għall-istess, minbarra li l-attur mhuwiex intitolat għal rendikont ta' flejjes li ma jaf xejn dwar l-amministrazzjoni tagħhom apparti li ma jeżistux.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-15 ta' Frar, 2022, ġie deċiż hekk:

> "Il-Qorti,
>
> Wara illi rat l-atti u rat ix-xhieda prodotta;
>
> Wara illi semgħet il-provi hija stess;
>
> Wara illi rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-abbli difensuri tal-partijiet;
>
> Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:
>
> Tiċħad it-tieni u tielet eċċezzjoni tal-intimati.
>
> Tilqa' l-ewwel, ir-raba', ħames, sitt, seba', tmien u disa' eċċezzjoni tal-intimati u għalhekk,
>
> Tiċħad it-talba attriċi kif dedotta.
>
> Spejjeż tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a kariku tar-rikorrenti in solidum bejniethom."

5. L-atturi preżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fis-16 ta' Marzu, 2022, permezz ta' liema talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

6. Il-konvenuti preżentaw ir-risposta tal-appell tagħhom fil-11 ta' April, 2022, permezz ta' liema ssottomettew li s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata u dan l-appell miċħud, bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

**Ikkonsidrat:**

**L-Aggravji dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni**

7. L-appellanti ressqu numru ta' aggravji li jolqtu l-kwistjoni tal-preskrizzjoni, li din il-Qorti ser titratta flimkien.

8. Permezz tal-ewwel aggravju l-appellanti jilmentaw li hemm difett formali fis-sentenza appellata għaliex l-Ewwel Qorti ma spjegatx għalfejn kienet qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bażata fuq l-Artikolu 2157 tal-Kodiċi Ċivili. Jgħidu li għalkemm l-Ewwel Qorti għaddiet sabiex tikkunsidra biss il-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2156(f), l-Ewwel Qorti laqgħet din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kollha kemm hi u mhux biss f'parti minnha, u dan minkejja li fl-istess eċċezzjoni l-konvenuti qajmu wkoll il-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2157 tal-Kodiċi Ċivili. L-appellanti jsostnu li dan għalhekk huwa bi ksur tal-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta skont liema f'sentenza għandhom qabel xejn jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha, u dan bi preġudizzju għad-drittijiet tagħhom.

9. L-appellati jwieġbu li m'hemm l-ebda difett formali kif allegat mill-appellanti għaliex l-Ewwel Qorti ma aċċettatx l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2157 tal-Kodiċi Ċivili, peress li fehmet li din ma kinitx kawża dwar amministrazzjoni minħabba li la huma u lanqas Edgar Camilleri ma qatt amministraw xi flejjes ta' John Camilleri u għaldaqstant ma jistax jintalab rendikont. Jgħidu li dan kollu jidher ċar mill-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti u għalhekk l-atturi ma sofrew l-ebda preġudizzju minħabba xi nuqqas ta' motivazzjoni kif qed jargumentaw f'dan l-aggravju.

10. Permezz tat-tieni aggravju l-appellanti jsostnu li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kellha tiġi miċħuda għaliex hija inkompatibbli mal-eċċezzjoni sussegwenti tal-konvenuti, fis-sens li l-flus mertu tal-kawża tallum ma jeżistux u qatt ma eżistew. Jargumentaw li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni timplika rikonoxximent tal-eżistenza tad-dejn f'xi żmien preċedenti, u jżidu li Maria Camilleri qatt ma qalet bil-ġurament tagħha li mhijiex debitriċi kif mitlub mill-Artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili.

11. Dwar dan l-aggravju l-appellati jargumentaw li l-ġurisprudenza tagħmel distinzjoni bejn meta ssir eċċezzjoni dwar l-ineżistenza tal-ammont suġġett tal-kawża u eċċezzjoni dwar il-kumpens jew li l-ammont reklamat mill-attur ma jkunx dovut lilu fl-ammont mitlub. Jgħidu li

għalhekk m'hemm l-ebda inkompatibbilita` bejn l-eċċezzjonijiet mogħtija minnhom għaliex huma qatt ma argumentaw li l-ammont suġġett tal-kawża għandu jkun anqas. Dwar l-argument tal-appellant li huma kellhom bżonn jikkonfermaw bil-ġurament li mhumiex debituri jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa, jgħidu li skont it-tieni sub-inċiż tal-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, meta l-ġurament jingħata mill-werrieta tad-debitur il-preskrizzjonijiet msemmija fl-Artikolu 2156 u 2157 ikollhom effett biss jekk jistqarru li ma jafux li l-ħaga għandha tingħata. L-appellati jsostnu li huma kkonfermaw dan diversi drabi u jagħmlu referenza għall-affidavits ta' Maria Camilleri u ta' Denise Buttigieg.

12. Permezz tat-tielet aggravju l-appellanti jsostnu li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni bbażata fuq l-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili kellha tiġi dikjarata inammissibli mill-Ewwel Qorti għaliex ġiet imqanqla b'mod ġeneriku u mingħajr referenza għas-sub-inċiż li l-appellati jippretendu li hu applikabbli għall-każ tallum. Jargumentaw li minħabba n-natura odjuża tal-preskrizzjoni min jinvoka l-preskrizzjoni għandu jindika espressament fuq liema artikolu tal-liġi qiegħed jistrieħ u fin-nuqqas l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tiġi skartata. Isostni li għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tinterpreta r-referenza ampja magħmula mill-konvenut għall-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili bħala referenza b'mod speċifiku għall-Artikolu 2156(f) iżda kellha minflok tiċħad din l-eċċezzjoni.

13. L-appellati jargumentaw li dan l-argument tal-appellanti huwa assolutament mingħajr sies għaliex tul il-proċeduri u partikolarment qabel ma ngħatat is-sentenza huma għamlu diversi referenzi għas-sub-inċiż partikolari li għandu japplika, u ċioe` l-Artikolu 2156(f), u qatt ma kien il-każ li l-Ewwel Qorti kellha tindividwa hi t-tip ta' preskrizzjoni applikabbli f'dan il-każ. Iżidu li fil-fatt l-appellanti kienu preżentaw nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri fejn indirizzaw l-argumenti magħmula dwar il-preskrizzjoni, u ma qajmu l-ebda ilment f'dan ir-rigward.

14. Permezz tar-raba' aggravju jilmentaw li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili huwa applikabbli għall-każ tallum għaliex din il-kawża ma tmissx ma' kreditu kummerċjali. Isostnu li din il-kawża tolqot proprjeta` mobbli fil-pussess ta' wieħed mill-komproprjetarji u għalhekk l-unika preskrizzjoni estintiva applikabbli hija dik ta' tletin sena taħt l-Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili. Jgħidu li fl-1989 kien hemm rikonoxximent bil-miktub min-naħa tal-mejjet Edgar Camilleri tal-flus kontanti fil-minuti tal-10 ta' April 1989, li ġew iffirmati miż-żewġt aħwa Camilleri, filwaqt li l-kawża tallum ġiet ippreżentata fl-2012, u għalhekk ferm qabel ma għaddew it-tletin sena mir-rikonoxximent bil-miktub.

15. L-appellati jwieġbu lura li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ddeċidiet li l-azzjoni tallum kienet preskritta bis-saħħa tal-Artikolu 2156(f)

tal-Kodiċi Ċivili, u jgħidu li huma fil-fatt semmew dan il-paragrafu speċifikatament fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom. Jargumentaw li fil-minuti tal-laqgħa li saret bejn l-azzjonisti ġie stipulat li, "*the shareholders discussed at length the split of the company's assets*" u għalhekk is-somma mitluba mill-appellanti għandha tiġi kkunsidrata bħala kreditu kummerċjali skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.

16. Permezz tal-ħames aggravju jargumentaw li l-eċċezzjoni taħt l-Artikolu 2157 tal-Kodiċi Ċivili ġiet milqugħa erronjament għaliex dan l-artikolu jipprovdi terminu preskrittiv relattiv għall-azzjonijiet għall-kontijiet, filwaqt li din il-kawża hija maħsuba sabiex jiġi miġbur lura sehem John Camilleri mill-kapital. Jgħidu li jifhmu li bil-mogħdija taż-żmien uħud minn dawn il-flus setgħu ġew utilizzati fil-ġestjoni tan-negozju u kien għalhekk li ġiet inkluża talba biex jingħata rendikont, għalkemm jekk dan ir-rendikont ma jingħatax xorta waħda għandhom id-dritt li jirċievu sehemhom mill-flus kontanti li kien hemm fil-pussess ta' Edgar Camilleri meta huwa rrikonoxxa dan il-fatt.

17. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "73. Jirriżulta illi l-intimati, fid-difiża tagħhom, ikkontendew illi l-azzjoni odjerna kienet preskritta bir-trapass ta' ħames snin a tenur tal-Artikolu 2156 u 2157 tal-Kap 16.
>
> 74. Ir-rikorrent, da parte tiegħu, jikkontendi illi fil-każ odjern, l-azzjoni hija waħda sabiex jingħata sehmu minn flus amministrati mill-aventi kawża tal-intimati, ossija Edgar Camilleri, bir-riżultat illi l-preskrizzjoni applikabbli fil-każ odjern huwa wieħed trentennali, a tenur tal-Artikolu

2143 tal-Kap 16 li jirregola Preskrizzjonijiet ta' azzjonijiet reali, personali u misti.

75. Jirriżulta, fil-każ odjern, illi a differenza ta' dak skoġitat u suġġerit mir-rikorrent, it-talba tar-rikorrent, illum mejjet, kienet għal ħlas ta' kreditu illi huwa jippretendi illi kellu fil-konfront ta' ħuh, Edgar Camilleri, fejn ippretenda illi ħuh kien qed iżomm is-somma ta' Lm230,458 f'idejh u, minn tali somma, huwa kellu jgħaddilu nofshom.

76. Jirriżulta illi, mingħajr ebda dubju, l-preskrizzjoni applikabbli għall-azzjoni odjerna ma tista' qatt tirriaffigura ruħha fl-ambitu ta' dak ipprovdut fl-Artikolu 2143 tal-Kap 16, iżda hija waħda illi tikkonfigura ruħha fid-dettam tal-Liġi kif ipprovdut fl-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 li jipprovdi perjodu preskrittiv ta' ħames snin fil-każ ta':

azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku

77. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tosserva illi, kwalsiasi ftehim illi seta' seħħ bejn ir-rikorrent, illum mejjet, John Camilleri, u l-aventi kawża ta' l-intimati, Edgar Camilleri, seħħ fis-sena 1989 filwaqt illi l-kawża odjerna ġiet intavolata fis-sena 2012.

78. Ma jirriżulta minn imkien illi, f'xi mument, saret xi interpellazzjoni ġudizzjarja illi setgħet, b'xi mod, tinterrompi t-trapass tal-perjodu preskrittiv ta' ħames snin.

79. Jirriżulta wkoll illi l-aventi kawża ta' l-intimati, ossija Edgar Camilleri, miet fit-12 ta' Frar 2005, ossija aktar minn sebgħa snin qabel ma ġew intavolati l-proċeduri odjerni, u għalhekk ċertament ma jista' qatt jiġi dikjarat li l-istess Edgar Camilleri, b'xi mod, ammetta li l-ammont kien dovut.

80. In vista ta' dana kollu, il-Qorti tqis illi l-ewwel eċċezzjoni imqajjma mill-intimati hija waħda mistħoqqa."

## *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

18. Din il-Qorti titlaq billi tgħid illi hija tal-fehma li t-tieni aggravju tal-appellant huwa infondat. Għalkemm huwa minnu li hemm linja ta' ġurisprudenza skont liema l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija inkompatibbli

ma' dik tal-ineżistenza assoluta tad-debitu, hemm ukoll linja ta' ġurisprudenza skont liema m'hemm l-ebda inkompatibbilita` bejn dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet. Din il-Qorti taqbel ma' din l-aħħar linja ta' ġurisprudenza li tgħid li l-eċċezzjoni tal-kontestazzjoni tad-dejn mhix inkompatibbli mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni (ara **Carmelo Abdilla et v. Frances Gloria Crockford et** (Appell, 26/06/2009). F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Giuseppe Schembri v. Giuseppe Chircop** (Appell, 14/01/1955) fejn intqal illi :

> "(L)-ġurisprudenza tagħna l-aktar riċenti (Kollez. Vol. XXVIII-I-297; Vol. XXX-I-976; Vol. XXXII-I-961 u Vol. XXXIV-I-329) ma għadhiex tammetti t-teorija li l-preskrizzjonijiet brevi, bħal dik in eżami, huma bażati fuq il-preżunzjoni tal-pagament, għaliex il-ġurament li l-eċċipjent jiġi msejjaħ jieħu mhux dak li hu ħallas, iżda li mhux debitur, u għalhekk l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni brevi hija kompatibili ma' eċċezzjonijiet oħra li jwasslu għall-konsegwenza li l-eċċipjent mhux debitur."[1]

19. Il-Qorti tqis li t-tielet aggravju tal-appellanti huwa wkoll infondat. Mill-atti jirriżulta li l-konvenuti indikaw id-dispożizzjonijiet legali relattivi, u ċioe` l-Artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili. Dak li għamlet l-Ewwel Qorti kien biss li identifikat liema sub-inċiż ta' dan l-artikolu japplika għal dan il-każ, u mhux li qajmet il-preskrizzjoni *ex officio* kif qed jilmentaw li għamlet l-appellanti. Għalkemm il-Qorti tirrikonoxxi li kien hemm sentenzi fil-passat li jgħidu li anke s-sub-inċiż speċifiku jrid jissemma mill-konvenut sabiex il-Qorti tkun tista' tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mqajma

[1] Ara wkoll: **Lorry sive Lawrence Cuschieri vs L-Onor. Ministru tal-Ambjent u d-Direttur tax-Xogħolijiet noe et** (Appell, 25/02/2005); **Alex Caruana vs Joseph Vassallo** (Appell, 11/12/1978); **Amadeo Wismayer vs Ugo Naudi** (Appell, 05/02/1932)

minnu, madankollu din il-Qorti xxaqleb aktar lejn dik il-ġurisprudenza li tgħid li m'hemmx nullita` tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jekk wieħed iqajjem l-Artikolu 2156 mingħajr ma jsemmi s-sub-inċiż speċifiku (ara **Victoria sive Vivienne Mangion et v. Albert Mifsud** (Appell 31/05/2004). Għalkemm il-Qorti trid tgħid li avukat diliġenti għandu dejjem jindika s-sub-inċiż rilevanti meta jqajjem il-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2156. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza wkoll għas-sentenza mogħtija dan l-aħħar fit-30 ta' Marzu, 2022, fl-ismijiet **George Falzon v. Assoċjazzjoni tat-Trasport Pubbliku** fejn ingħad:

> "Huwa minnu li ngħad bosta drabi li min iqajjem l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni jrid jindika mhux biss l-artikolu tal-liġi imma, jekk ikun il-każ, liema wieħed mis-sub-inċiżi tiegħu jgħodd għal dik l-eċċezzjoni li tkun. Madankollu, huwa minnu wkoll li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' titqajjem f'kull waqt tal-kawża, imqar fl-istadju tal-appell, kif jgħid l-appellant innifsu. F'każ bħal dan, ma jkun tal-ebda fejda li l-Qorti tiċħad l-eċċezzjoni mqajma fuq is-saħħa tan-nuqqas tat-tismija tas-sub-inċiż partikolari, biex imbagħad dik l-eċċezzjoni terġa' titqajjem mill-ġdid mill-eċċipjenti. Kemm hu hekk, fejn il-parti eċċipjenti fissret b'mod dettaljat liema kien is-sub-inċiż tal-artikolu li dwaru kienet sejset l-eċċezzjoni tagħha tal-preskrizzjoni, din il-Qorti kienet għaddiet biex tistħarreġ dik l-eċċezzjoni u ma kinitx reġgħet bagħtet il-każ lura lill-ewwel Qorti."

Dwar l-argument tal-appellant mbagħad li l-konvenuti ma ħadux il-ġurament deċiżorju rikjest mil-liġi, il-Qorti tosserva li fix-xiehda tagħhom il-konvenuti ddikjaraw bil-ġurament li huma ma jafu xejn dwar l-ammont pretiż mill-konvenut, u li safejn jafu huma s-somma mertu ta' dawn il-proċeduri qatt ma eżistiet. Fil-fehma tal-Qorti dan huwa biżżejjed biex jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 2160 (2) tal-Kodiċi Ċivili ġaladarba m'hemm l-ebda forma partikolari li hija rikjesta mill-istess artikolu ħlief li l-

konvenut ikun ħa l-ġurament minn jeddu. Wara kollox ġurament bħal dan jista' jittieħed anke f'affidavit jew f'xiehda *viva voce* quddiem il-Qorti (ara f'dan is-sens **Direttur tar-Reġistru Pubbliku v. HSBC Bank Malta plc** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Settembru, 2019);

20. Fuq ir-raba' aggravju, il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti li l-preskrizzjoni kontemplata fl-Artikolu 2156(f) hija applikabbli biss fir-rigward ta' krediti kummerċjali. Dan l-artikolu fil-fatt jipprovdi li l-preskrizzjoni ta' ħames snin hija applikabbli fir-rigward mhux biss ta' kreditu li ġej minn operazzjoni kummerċjali iżda wkoll "minn ħwejjeġ oħra" u jibqa' applikabbli sakemm il-kreditu ma jkunx suġġett għal preskrizzjoni aqsar jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku. Huwa ċar għalhekk li l-preskrizzjoni kontemplata f'dan l-artikolu hija ferm aktar wiesgħa minn dak sostnut mill-appellanti. Peress li mhuwiex kontestat li l-kreditu in kwistjoni ma jirriżultax minn att pubbliku, u peress li ma jirriżultax ukoll li huwa suġġett għal preskrizzjoni aqsar, il-Qorti tqis li dan l-aggravju huwa wkoll infondat u qed jiġi miċħud.

21. Fir-rigward tal-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2157 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tqis li l-appellanti għandhom ukoll raġun meta jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma tatx raġuni għalfejn kienet qiegħda tilqa' l-eċċezzjoni bbażata fuq dan l-artikolu. Minn qari tas-sentenza appellata huwa ċar li l-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti dwar il-preskrizzjoni jolqtu

biss l-Artikolu 2156(f) u mhux ukoll l-Artikolu 2157 tal-Kodiċi Ċivili, u għaldaqstant l-appellanti għandhom raġun li mis-sentenza ma jirriżultax għalfejn l-Ewwel Qorti laqgħat din l-eċċezzjoni. Għalkemm l-appellati jikkontendu li fil-verita' l-eċċezzjoni taħt l-Artikolu 2157 tal-Kodiċi Ċivili ġiet miċħuda mill-Ewwel Qorti għaliex qieset li din il-kawża mhijiex maħsuba sabiex jingħata rendikont ta' amministrazzjoni ta' flejjes, xejn minn dan ma jirriżulta mis-sentenza appellata, u jibqa' l-fatt li fil-parti dispożittiva tas-sentenza appellata l-Ewwel Qorti laqgħet u mhux ċaħdet din l-eċċezzjoni. Għaldaqstant dan l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ.

22. Il-Qorti tqis li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2157 tal-Kodiċi Ċivili ma tistax tiġi milqugħa, u dan partikolarment fid-dawl tal-ammissjoni tal-konvenuti stess fir-risposta tal-appell tagħhom li din il-preskrizzjoni mhijiex applikabbli fil-każ odjern. Fil-fehma ta' din il-Qorti il-linja ta' argumentazzjoni magħmula mill-appellati fir-risposta tal-appell tagħhom timporta rinunzja ċara ta' din l-eċċezzjoni, ikkonsidrat li huma stess qed jargumentaw kontra l-applikabbilita` ta' din il-preskrizzjoni oriġinarjament mogħtija minnhom stess. Għaldaqstant l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni taħt l-Artikolu 2157 tal-Kodiċi Ċivili qiegħda tiġi miċħuda.

**L-Aggravju dwar il-mertu**

23. L-appellanti jilmentaw li l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta kkonsidrat li huma naqsu milli jresqu prova suffiċjenti dwar l-eżistenza

tas-somma mitluba minnhom li kienet tinsab fil-pussess ta' Edgar Camilleri. Jargumentaw li mill-provi tirriżulta ampjament l-eżistenza tas-somma ta' Lm230,458 u li din kienet tinsab fil-pussess ta' Edgar Camilleri u li kienet tappartjeni nofs lil Edgar Camilleri u nofs lil John Camilleri. Jgħidu li din mhijiex kawża biex jiġi enforzat ftehim iżda hija maħsuba sabiex jiġi miġbur lura s-sehem ta' John Camilleri mis-somma msemmija, u għalhekk ir-raġunijiet li setgħu wasslu biex il-kuntratt finali tal-qasma ma jsirx huma rrelevanti għall-finijiet ta' din il-kawża, peress li nofs is-somma msemmija tibqa' tappartjeni lil John Camilleri. Jgħidu li huma resqu provi konkreti, jiġifieri skrittura ffirmata miż-żewġt aħwa Camilleri u kkorroborati minn xhieda indipendenti li kellhom involviment dirett fil-kwistjoni, iżda dan kollu ġie skartat mill-Ewwel Qorti li minflok straħet biss fuq id-dikjarazzjonijiet magħmula mill-werrieta ta' Edgar Camilleri li għandhom interess li jiċħdu l-fatt li huwa kellu din is-somma fil-pussess tiegħu. Jgħidu li mill-provi jirriżulta li waqt il-laqgħa tal-10 ta' April, 1989, sar qbil dwar kif kellha ssir il-qasma tan-negozju tal-aħwa Camilleri, li jirriżulta mill-minuti tal-istess laqgħa li ġew iffirmati minn Edgar u John Camilleri, u li jirriżulta li kien hemm Austin Walker u John Muscat, rispettivament l-awditur u l-*accountant* tal-kumpanija, bħala xhieda ta' dan. Iżidu li fil-fatt Maria Camilleri, mart Edgar Camilleri, għarfet il-firma tiegħu fuq dan id-dokument u allura m'hemmx kontestazzjoni li dawn il-minuti ġew validament iffirmati mill-aħwa Camilleri, u li kieku din is-somma verament ma kinitx teżisti, kif jikkontendu l-konvenuti kieku Edgar

Camilleri ma kienx ser jiffirma l-imsemmija minuti. Jgħidu li l-awditur Austin Walker ikkonferma li din is-somma ta' flus kienet tinsab fil-pussess ta' Edgar Camilleri u kienet tiġi amministrata minnu f'isem iż-żewġt aħwa Camilleri, u jżidu li dan ix-xhud ma ġiex kontro-eżaminat mill-konvenuti. Jgħidu li għalkemm il-konvenuti jippruvaw iwaqqgħu x-xiehda ta' John Muscat għaliex jagħmel xogħol għalihom, jibqa' l-fatt li x-xiehda tiegħu toqgħod ma' dak li hemm miktub.

24. L-appellati jwiegbu lura li d-dokument li l-appellanti primarjament jistrieħu fuqu qatt ma jindika min kellu l-pussess tas-somma ta' Lm230,458 imsemmija fih, kif korrettement innutat l-Ewwel Qorti, u ma tressqet l-ebda prova oħra li turi li dan l-ammont kien fil-pussess ta' Edgar Camilleri. Jgħidu li kieku kien verament minnu li Edgar Camilleri kellu din is-somma ta' flus kontanti f'idejh ma kienx juża l-flus personali tiegħu biex jiffinanzja l-kumpanija, u jżidu li dan l-ammont fil-fatt lanqas ma jirriżulta mit-testment ta' Edgar Camilleri. Jargumentaw li lanqas ix-xhieda prodotti mill-atturi ma jafu eżattament minn fejn ħareġ dan l-ammont, inkluż l-*accountant* tal-kumpanija li sewwasew huwa mogħni bir-responsabbilita` li jiddetermina l-valur tal-assi. Fir-rigward tax-xhieda ta' Austin Walker jgħidu li l-appellanti konvenjentement jiskartaw li fil-*financial statement* tal-1989 Walker kien iddikjara li dawk ir-rendikonti kienu jaqblu mal-kotba tal-kumpanija li skont hu kienu miżmuma tajjeb u li l-istess rendikonti jagħtu stampa vera u ġusta tal-istat tal-kumpanija sal-

31 ta' Diċembru, 1989, u jżidu li l-*Cash Balance* f'dak ir-rendikont kien ġie dikjarat bħala Lm153. L-appellati jsostnu wkoll li John Muscat mhuwiex xhud kredibbli għaliex mhux biss ammetta li kien iżomm żewġ tipi ta' *accounts* għall-kumpanija – wieħed bi flus dikjarati u ieħor bi flus mhux dikjarati – iżda wkoll għaliex kien il-komputista personali ta' John Camilleri u għalhekk hemm kunflitt ta' interess qawwi u lealta` lejn John Camilleri.

25. L-Ewwel Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar il-mertu:

> "52. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrent, John Camilleri, illum mejjet, qiegħed jitlob lill-eredi ta' ħuh, Edgar Camilleri, sabiex jagħtuh rendikont tas-somma ta' Lm230,458, ossija €536,822, li huwa jikkontendi li kienu flus kontanti tiegħu u ta' Edgar Camilleri flimkien, u li l-istess John Camilleri jgħid li Edgar Camilleri obbliga ruħu li kellu jroddlu nofshom permezz ta' ftehim li sar fil-15 ta' Mejju 1989.
>
> 53. Jirriżulta illi r-rikorrent jikkontendi illi, abbażi ta' minuti ta' laqgħa illi saret bejn l-aħwa John u Edgar Camilleri, fil-presenza tal-Awditur Austin Walker u l-Accountant John Muscat fl-10 ta' April 1989, ħuh Edgar kien aċċetta illi huwa kellu ammont ta' flus idejh, liema flus kien hemm qbil illi kellhom jinqasmu bejniethom.
>
> 54. Jirriżulta mhux ikkontestat illi, għalkemm sar ftehim fil-15 ta' Mejju 1989, ebda waħda mill-konsiderazzjonijiet diskussi u maqbula bejn John Camilleri u Edgar Camilleri ma qatt ġew konklużi, u għalhekk tali ftehim qatt ma ġie implimentat permezz ta' proċeduri legali u kontrattwali bejn il-partijiet.
>
> 55. Jirriżulta, madanakollu, illi aktar minn sebgħa snin wara l-mewt ta' Edgar Camilleri, John Camilleri, illum mejjet ukoll, ipproċeda bil-kawża odjerna sabiex jingħata sehmu mill-flus kontanti illi huwa jikkontendi li kienu għand ħuh u li tiegħu jikkontendi ħuh kien aċċetta li kienu għandu.
>
> 56. In sostenn tal-asserzjoni tar-rikorrent li Edgar Camilleri kellu s-somma ta' Lm230,458 bħala 'cash in hand' personalment għandu, John Camilleri pproduċa bħala xhieda lil Austin Walker, dak iż-żmien Awditur tal-kumpanniji tal-partijiet u, fi kliemu stess, responsabbli biex jagħmel 'ir-Reviżjoni tal-Kontijiet Finanzjarji tas-soċjeta' Soap & Sponge Limited" (vide fol 41), kif ukoll John Muscat, Accountant tar-

rikorrent u tal-familja tar-rikorrent, u ġia Accounts Clerk mas-soċjeta' Soap & Sponge Limited mis-sena 1988 sas-sena 1991. (vide fol 499)

57. Għandu jingħad illi, dwar il-flus li r-rikorrent jikkontendi li kellu Edgar Camilleri, John Muscat jgħid dan li ġej: (fol 35)

"Għandi ngħid li l-parti sostanzjali ta' dan l-ammont kien oriġina qabel żmieni u allura ma nafx f'xiex kien jissussisti. ... Naf li minn żmien għal żmien il-flus li kienu jinġabru mill-aħwa kienu jgħaddu lil Edgar u dan kien iżomm il-flus hu."

58. Mill-banda l-oħra, Austin Walker, dwar tali flus jgħid: (fol 41)

> "Fost dawn l-assi kien hemm somma flus tammonta għal mitejn u tletin elf, erbgħa mija u tmienja u ħamsin Lira Maltija (Lm230,458) liema flus kienu jappartjeni liż-żewġt azzjonisti personalment. Dan il-flus kienu jintużaw fin-negozju tagħhom. Dawn il-flus kienu fil-pussess ta' Edgar u amministrati minnu għan-nom tat-tnejn. Fl-abbozz tal-ftehim, hemm indikat li dawn il-flus kellhom jiġu diviżi bejniethom"

59. John Camilleri, fl-affidavit tiegħu, dwar il-konteġġi li saru, jgħid dan li ġej: (fol 37)

> "Minn dan l-eżerċizzju irriżulta li kien hemm is-somma ta' mitejn u tletin elf, erbgħa mija u tmienja u ħamsin Lira Maltin (Lm230,458) cash li kellha tinqasam fi kwoti indaqs bejni u bejn Edgar fost assi oħra. Issa peress li din is-somma dejjem kienet fil-pussess esklussiv ta' Edgar, hu kellu għalhekk jagħti lili nofs dan l-ammont."

60. Jirriżulta, madanakollu, illi għajr għal tali affidavits kif ukoll kopji tal-Minuti tal-10 ta' April 1989 u l-ftehim datat 10 ta' Mejju 1989, li ġie kkonfermat mill-Imħallef Joseph R Micallef, huwa ma ressaq ebda prova konkreta oħra dwar l-eżistenza ta' l-ammont ta' Lm230,458 u/jew aċċettazzjoni ta' Edgar Camilleri li l-flus kienu għandu, għalkemm kellu aktar minn tlieta u għoxrin (23) sena ċans jagħmel dan, ossija minn meta ntlaħaq il-ftehim sad-data tal-preżentata tal-kawża odjerna.

Ikkunsidrat

61. Il-Qorti tosserva illi l-unika dokumenti illi abbażi tiegħu jistrieh ir-rikorrent huwa l-Minuti datati 10 ta' April 1989 (fol 4) w il-ftehim datat 15 ta' Mejju 1989 (fol 8). Għalhekk ikun opportun li tali dokumentazzjoni jiġu evalwati fl-ottika ta' dak allegat mir-rikorrent u asserit mix-xhieda tiegħu.

62. Jibda billi jiġi osservat illi, għal raġunijiet magħrufa biss lil John Camilleri, illum mejjet, il-minuti datati 10 ta' April 1989 jidhru illi huma tal-kumpannija Soap & Sponge Limited, iżda l-kliem "Soap" u "Sponge" jidhru sussegwentement sgassati.

63. Jirriżulta wkoll illi l-Minuti jgħidu illi "the shareholders discussed at length the split of the company's assets and finally agreed on these points", wara liema dikjarazzjoni jinsab miktub serje ta' assi u ta' stipulazzjonijiet milħuqa bejn il-partijiet dwar kif kellu jsir il-qasma.

64. Jirriżulta illi fit-tielet (3) klawsola hemm mitkub is-segwenti:

> "Both shareholders agreed to split between on 50-50 basis the following items:
>
> a) Loan to Jetglass Ltd – Lm47,953 - at 31-3-89
>
> b) Loan to Solair Developments Ltd – Lm61,953 at 31-3-89 c) Cash in hand - Lm230,458 at 31.3.89 "

65. Jirriżulta sussegwentement, illi fir-raba' (4) klawsola, hemm pprovdut illi s-soċjeta' Soap & Sponge Ltd "(assets and liabilities)" kienet ser tingħadda lil Edgar Camilleri u jingħad "All assets and liabilites are quoted as at 31st March 1989 and Edgar Camilleri will pay one half the amount to John Camilleri".

66. Jirriżulta ċar illi tali dikjarazzjoni dwar l-assunzjoni tad-dejn da' parte ta' Edgar Camilleri tidher applikabbli speċifikatament għad-djun u assi indikati bħala li huma ta' Soap & Sponge Limited, u ma ssir ebda referenza għal xi assi oħra indikati, partikolarment l'hekk imsejjħa "Cash in hand" imniżlin fil-klawsola preċedenti – Klawsola 3.

67. Jirriżulta illi fil-ftehim datat 15 ta' Mejju 1989, għalkemm isiru varji referenzi għall-somom dovuti minn parti għall-oħra u dwar kif dawna kienu ser jitħallsu f'każ illi tinxtara s-showroom, li kienet għal bejgħ, minn Edgar Camilleri jew le – vide klawsoli erbgħa (4), ħamsa (5) u disgħa (9), ma ssir assolutament ebda referenza għas-somma ta' Lm230,457 u dwar kif dawn għandhom jitħallsu.

68. Jirriżulta, għalhekk, illi minn qari akkurat kemm tal-Minuti kif ukoll tal-ftehim redatt mill-konsulent legali tal-partijiet, l-Imħallef Joseph R Micallef, meta kien qed jipprattika ta' Avukat, minn imkien ma jirriżulta ammess minn Edgar Camilleri li dawna l-flejjes kienu fil-pussess tiegħu w, aktar u aktar, xi aċċettazzjoni tiegħu illi jgħaddi nofs tali flejjes, allegatament fil-pussess tiegħu, lil John Camilleri.

69. Il-Qorti tirrileva ulterjorment li, kif osservat mill-Imħallef Joseph R Micallef, il-laqgħa bejn l-aħwa John u Edgar Camilleri, fil-presenza ta' Austin Walker u John Muscat, kienet waħda li ħadet ħafna ħin, u jidher li ma kien hemm ebda animosita bejn il-partijiet, tant illi l-Imħallef Micallef jistqarr fix-xhieda tiegħu (fol 52) illi "Fil-fatt meta kont qed nirrediġi l-iskrittura ma kien hemm l-ebda animu bejn il-partijiet."

70. Għalhekk, il-Qorti tqis li, la darba kien jidher li ma kienx hemm animosita' bejn il-partijiet u la darba jidher illi l-ftehim tal-15 ta' Mejju 1989 kien intiż sabiex jagħti "kulur legali dak li kien diġa miftiehem

bejn l-aħwa involuti", kif jgħid l-Imħallef Micallef, ċertament il-partijiet riedu jinkludu kull pretensjoni u stipulazzjoni ta' bejniethom, u kieku kien minnu dak illi qiegħed jikkontendi John Camilleri, illum mejjet, li l-flus kienu għand Edgar Camilleri u kien ser jaqsamhom miegħu (li dina l-Qorti tqis illi kien ċertament dettal importanti, li kellu valur ta' ftit aktar minn Lm115,000 għal John Camilleri, valur ċertament mhux irrilevanti fiż-żmien meta ġie redatt il-ftehim), tali dettall u fatt kien ikun imniżżel u riaffermat fil-ftehim bil-miktub redatt quddiem il-konsulent legali tal-fiduċja taż-żewġ partijiet.

71. Għalhekk, l-assenza ta' kwalsiasi referenza għal tali ammont fil-ftehim finali hija indikazzjoni ċara illi, a differenza ta' dak asserit minn John Camilleri, tali flejjes qatt ma kienu fil-pussess ta' Edgar Camilleri, kif jikkontendu l-intimati familjari tiegħu, u għalhekk qatt ma setgħu kienu parti minn ftehim milħuq bejn John Camilleri u ħuh, Edgar Camilleri.

72. Il-Qorti tosserva ukoll illi r-rikorrenti jipprovaw jissanaw tali nuqqas ta' provi, billi jisħqu illi Austin Walker u l-Imħallef Joseph R Micallef jikkonfermaw tali fatt – il-Qorti, madanakollu, tosserva illi filwaqt illi huwa tentattiv meskin u disonest li jipprova juża persuna integra u 'l fuq minn kull dubju bħal ma huwa l-Imħallef Joseph R Micallef biex jipprova jikkonvinċi l-Qorti li Edgar Camilleri kellu għandu l-flus ta' John Camilleri, ix-xhieda ta' Austin Walker, waħidha, ma tistax titqies suffiċjenti bħala prova li tali flejjes kienu għand Edgar Camilleri – ir-rikorrent, illum mejjet, naqas milli jġib provi fattwali u suffiċjenti biex jipprova l-assersjoni tiegħu u għalhekk dak minnu asserit ma jistax jiġi kkunsidrat favorevolment."

### *Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti*

26. Din il-kawża tirrigwarda somma ta' €536,822 li l-appellanti jgħidu kienet fil-pussess ta' Edgar Camilleri u li nofsha hija ta' John Camilleri u għalhekk għandha titħallas lilhom mill-appellati, li huma l-werrieta ta' Edgar Camilleri. Mill-provi jirriżulta li l-aħwa Edgar u John Camilleri kienu jiġġestixxu negozju flimkien b'riħet il-kumpanija Soap & Sponge Limited u li eventwalment kienu ddeċidew li jxolju n-negozju li kellhom bejniethom u jaqsmu l-assi u d-djun li kien hemm.

27. Jirriżulta li fl-10 ta' April, 1989, kienet saret laqgħa tal-azzjonisti tal-imsemmija Soap & Sponge Limited, li dak iż-żmien kienu l-aħwa Camilleri. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll l-awditur tal-kumpanija Austin J. Walker u l-*accountant* tal-kumpanija John Muscat. Fil-minuti ta' din il-laqgħa il-partijiet kienu, fost affarijiet oħra, iddikjaraw dan li ġej (*fol.* 5):

> "*Both shareholders agreed to split between on 50-50 basis the following items:-*
>
> *a) Loan to JetGlass Ltd – Lm47953 at 31.3.89*
>
> *b) Loan to Solat Developments Ltd Lm61,953 at 31.3.89*
>
> *c) Cash in hand Lm230458 at 31.3.89."*

28. Dawn il-minuti kienu ġew iffirmati miż-żewġt aħwa Camilleri. Il-konvenuta Maria Camilleri, li tiġi mart Edgar Camilleri, ikkonfermat li l-firma li tidher fuq dawn il-minuti a *fol.* 7 hija fil-fatt ta' żewġha. Għalhekk din il-Qorti ma tistax taċċetta t-teżi tal-appellati li s-somma ta' Lm230,458 qatt ma eżistiet ġaladarba kemm John Camilleri u kif ukoll Edgar Camilleri qablu u ddikjaraw bil-miktub li sal-31 ta' Marzu, 1989, kellhom din is-somma ta' flus kontanti. Il-Qorti taqbel pero` mal-Ewwel Qorti li m'hemmx prova konklussiva li din is-somma kienet fil-pussess ta' Edgar Camilleri, kif jikkontendu l-appellanti.

29. Il-Qorti tibda billi tirrileva li x-xiehda ta' John Muscat u Austin Walker mhijiex kredibbli u dan għaliex hemm kontradizzjoni netta bejn dak li qalu dawn ix-xhieda dwar din is-somma u dak li qal John Camilleri

stess. Muscat u Walker xehdu li s-somma ta' Lm230,458 ma kinitx ġid tal-kumpanija Soap & Sponge Limited iżda kienet proprjeta` personali ta' Edgar u John Camilleri, rappreżentanti dħul minn negozju ieħor separat għal dak ta' Soap & Sponge Limited. Pero`, John Camilleri ma qalx li dawn il-flus kienu oriġinaw minn negozju magħmul minnu u minn ħuh permezz ta' Soap & Sponge Limited, u anzi xehed fl-affidavit tiegħu li ħuh Edgar xi drabi kien jitlob lill-klijenti ta' Soap & Sponge Limited biex iħallsu permezz ta' ċekk maħruġ f'ismu jew permezz ta' kontanti, dikjarazzjoni li din il-Qorti tifhem li saret sabiex jispjega, kif skont hu Edgar Camilleri allegatament kellu din is-somma fil-pussess tiegħu. John Camilleri qatt ma semma li hu u ħuh kellhom xi negozju ieħor minbarra Soap & Sponge Limited, *multo magis* li minnu oriġinat din is-somma sostanzjali. Dan ifisser li jew John Muscat u Austin Walker ma kinux qegħdin jingħataw stampa veritiera tan-negozju u l-assi li kellhom l-aħwa Camilleri u għalhekk m'għandhomx biżżejjed informazzjoni fuq il-materja li dwarha xehdu, jew qalu dak li ħasbu kien l-aktar jibbenefika t-teżi tal-attur. Dawn iż-żewġ ipoteżijiet iwasslu lil Qorti sabiex tiskarta x-xiehda ta' Muscat u Walker, għaliex it-tnejn li huma jqajmu dubju sostanzjali fuq l-affidabilita` tal-verżjoni mogħtija minnhom.

30. Il-Qorti tosserva li mill-minuti tal-10 ta' April, 1989, ma jirriżultax min kien fil-pussess tas-somma imsemmija. Il-Qorti tkompli billi tinnota li ġaladarba kemm skont dawn il-minuti u kemm skont ix-xiehda ta' John Camilleri, din is-somma ta' flus kienet ġid tal-kumpanija Soap & Sponge

Limited, huwa kemmxejn stramb li ma ġietx imsemmija fl-abbozz tal-ftehim li sar fil-15 ta' Mejju,1989 (*fol.* 8) u dan ikkunsidrat li dan il-ftehim kien jipprospetta li Edgar Camilleri jakkwista "kull sehem u kondizzjoni li l-imsemmi John Camilleri għandu fi u in konnessjoni mas-socjeta` Soap & Sponge..." u li skont il-klawsola numru 5 tal-istess abbozz il-partijiet kien qed jiftehmu fir-rigward tal-pagamenti dovuti lil John Camilleri għal sehemu mill-"assi kollha għajr ix-"*showroom*". Il-Qorti tinnota wkoll li mix-xiehda tal-Imħallef Joseph R. Micallef, li kien l-avukat li rrediġa l-abbozz imsemmi, jirriżulta li l-ħsieb kien li f'dan l-abbozz setgħu sempliċiment jinbidlu l-ismijiet biex b'hekk l-obbligi li ġew prospettati li kienu ser jiġu assunti minn Edgar Camilleri jiġu minflok assunti minn John Camilleri, billi jakkwista hu l-kumpanija u l-assi tagħha u b'hekk ikun hu li jagħmel il-ħlasijiet prospettati lil Edgar Camilleri. Fil-fehma tal-Qorti dan ma jistax ħlief ifisser li din is-somma ta' Lm230,458 ma kinitx fil-pussess esklussiv ta' Edgar Camilleri kif jgħidu l-appellanti, għaliex li kieku kien ikun hemm klawsola appożita li tkopri l-ħlas ta' nofs din is-somma minn Edgar Camilleri lil John Camilleri f'kull każ.

31. Għaldaqstant din il-Qorti tqis li dan l-aggravju tal-appellanti mhuwiex tajjeb u qed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' limitatament l-appell tal-atturi appellanti u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li

tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti safejn ibbażata fuq l-Artikolu 2157 tal-Kodiċi Ċivili, tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.

L-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu in kwantu għal 10% mill-appellati u in kwantu għal 90% mill-appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti | Tonio Mallia | Christian Falzon Scerri |
| Prim Imħallef | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da